MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1500/2002

***Robert Francis Farrugia***

***vs***

***George Tabone***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm234.75) rappresentanti danni kkagjonati fil-vettura proprjeta’ ta’ l-attur f’incident awtomobilistiku li sehh fil-Marsa fis-26 ta’ Jannar 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAA 109 habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAU 235 proprjeta’ ta’ l-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-3 ta' April 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-imghax legali mis-27 ta' Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti u dana billi l-kollizzjoni tas-26 ta' Jannar 2002 grat minghajr htija jew nuqqas tal-konvenut, izda biss minnhabba t-tort u t-traskuragini ta' l-istess attur. Inoltre d-danni pretizi mill-attur huma esagerati u ghalhekk irriserva d-dritt li jikkontrolla d-danni hekk pretizi mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Robert Francis Farrugia u ta' Amanda Farrugia, kif ukoll ta' PC 915, Joseph Abela u tal-konvenut George Tabone.

Ra d-dokumenti esibiti u cioe' d-Dokument RF1 sa RF6 konsistenti fis-*survey report*, ricevuti tat-tiswijiet tal-hsarat sofferti fil-vettura ta' l-attur, *road accident report* u skizz tal-habta, kif ukoll ritratti tal-vettura kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenut li minnhom jirrizultaw il-hsarat sofferti fil-vetturi rispettivi tal-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta illi l-incident mertu tal-kawza sehh fil-Marsa, f'Labour Avenue fid-direzzjoni li mill-Belt tiehu lejn Rahal il-Gdid. L-incident sehh fil-parti tat-triq fejn hemm il-liwja u cioe' fejn is-*Ship Building*. L-attur fix-xhieda tieghu jikkontendi illi fis-26 ta' Jannar 2002, huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu fi Triq Aldo Moro, l-Marsa fid-direzzjoni lejn ic-cimiterju. Huwa kien qieghed isuq fuq it-tieni lane minnahha tax-xellug. L-incident sehh ezattament fejn hemm il-liwja hdejn Salvu Bezzina Brothers.

Huwa jghid illi f'daqqa wahda giet il-vettura tal-konvenut b'velocita' qawwija minn warajh qieghda tinsaq fuq it-tielet lane min-naha tax-xellug, meta f'daqqa wahda hekk kif wasslu hdejn il-liwja din il-vettura kisret ghal fuq il-lane tieghu u laqtitu fuq il-mudguard in-naha ta' quddiem fil-lemin. Huwa jghid illi l-konvenut x'aktarx laqtu bir-rota tan-naha ta' wara tan-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Mad-daqqa l-vettura tal-konvenut daret dawra mejt u cioe' isspinjat fuqha nnifisha ghal darbtejn u baqghet tielgha fuq il-bankina tan-naha tax-xellug u waqqfet b'zewg roti ta' quddiem fuq il-bankina u dahhlet fil-hajt bin-naha ta' quddiem.

Il-vetturi ma ccaqalqux sakemm gie l-pulizija biex jaghmel l-iskizz. Huwa jaqbel perfettament ma' l-iskizz maghmul mill-pulizija. Ighid illi l-konvenut garrab xi griehi u ttiehed l-isptar. Inoltre rrizulta illi l-vettura tal-konvenut kellha daqqa ohra fuq il-bieba n-naha ta' wara liema daqqa kienet konsegwenza ta' incident stradali iehor li fih kien involut l-konvenut. L-attur ighid illi huwa sewwa l-hsarat rapportati fil-vettura tieghu abbazi tas-*survey report* li kien sar mill-assikurazzjoni tal-konvenut. In kontro-ezami l-attur ighid illi l-incident sehh meta kien ghadu d-dawl u l-art ma kienitx imxarrba. Huwa kien sejjer lejn iz-Zejtun dak in-nhar. Qabel l-impatt il-vettura tal-konvenut ma kienx raha gejja. Ighid illi dak in-nhar ftit li xejn kien hemm traffiku fit-triq u illi huwa ma kienx mghaggel. Traffiku quddiemu ma kienx hemm u li l-*lanes* ta' hdejh kienu kollha vojta.

Dak in-nhar ta' l-incident fil-vettura ta' l-attur, kien hemm riekba fis-seat tal-passiggier, il-mara tieghu Amanda Farrugia li xehdet illi l-attur kien qieghed isuq fit-tieni *lane* sejjer lejn id-direzzjoni taz-Zejtun fejn joqghodu. Hija tghid illi l-vettura tal-konvenut kienet gejja minn warajhom, dahhlet fuqhom, spinjat darbtejn u baqghet diehla fil-hajt fuq in-naha tax-xellug. Traffiku hdejhom ma kienx hemm fil-mument ta' l-incident u li l-ewwel darba li rat il-vettura tal-konvenut kien meta ratu diehel fil-vettura taghhom. Tghid illi zewgha mal-ewwel ibbrejka u waqqaf il-karozza. Mad-daqqa l-vettura taghhom giet xi ftit jew wisq spustjatha lejn ix-xellug.

L-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-incident mertu tal-kawza kien PC 915 Joseph Abela li jghid illi l-incident sehh ftit qabel is-Ship Building. Ighid illi l-hsarat fil-vettura tal-konvenut kienu fuq in-naha ta' wara fuq in-naha tax-xellug u r-rota ta' quddiem intlaqtet mal-hajt. Jispjega illi l-vlegeg indikati fl-iskizz ma jfissrux illi huwa kien sab xi marki fuq il-post ta' l-incident, izda dawn kien ghamilhom abbazi tal-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa rispettivi u dana sabiex jindika d-direzzjoni li hadet il-vettura LAA 109.

Iz-zewg verzjonijiet huwa hadhom fil-presenza taz-zewg sewwieqa dak in-nhar ta' l-incident. Ighid illi huwa ma setax jiddecifra fejn kien l-*ispot of impact*, madanakollu jghid illi l-incident sehh fil-parti tat-triq fejn hemm il-liwja. Huwa jghid illi z-zewg sewwieqa kienu qabblu bil-verzjoni taghhom u kien ghalhekk illi kien indika bil-vlegeg li jidhru fl-iskizz.

Il-konvenut minnahha tieghu jghid illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien gej lura mix-xoghol. Kif ezatt wasal fil-liwja, jaf li gie milqut fir-rota ta' wara, tilef il-kontroll u baqa' tielgha fuq il-bankina kif jirrizulta mill-iskizz tal-pulizija. Jikkonferma illi huwa kien qieghed isuq fit-tielet *lane* min-naha ta' gewwa, kif ighid l-attur. Ighid ukoll illi qabel l-incident kien hemm vetturi ohra fil-*lanes* vicin tieghu, izda huwa nduna bil-vettura ta' l-attur wara li sehh l-impatt. Huwa jghid illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien wahdu fil-karozza u li ma kienx ghaddej b'velocita' qawwija u dana anke peress illi kien wasal fil-liwja.

Jikkonferma illi huwa kellu daqqa ohra fuq il-bieba, pero' din kien ghamilha xahar qabel u ma kellha x'taqsam xejn ma' l-incident. Wara li ha d-daqqa l-karozza daret fuqha nnifisha u baqghet sejra dritt ghal fuq il-bankina. L-ewwel daqqa illi huwa ha kienet fuq ir-rota ta' wara u hadha meta wasal fil-liwja. Huwa jsostni illi dejjem baqa' fil-*lane* tieghu u cioe' fit-tielet *lane* minnahha ta' gewwa. Jikkonferma l-iskizz tal-pulizija u anke jabqel mas-sinjali tal-vlegeg illi hemm indikati fuq l-istess skizz. Ighid illi dawn il-vlegeg jindikaw id-direzzjoni 'il fejn kien sejjer meta sehh l-incident.

Ikkunsidra:

Illi l-prova principali f'din il-kawza certament tistrieh fl-iskizz maghmul mill-ufficjal tal-pulizija illi nvestiga l-incident, liema skizz huwa anke kkonfermat miz-zewg sewwieq bhala stampa li tirriproduci perfettament dak illi sehh dak in-nhar ta' l-incident. Mill-iskizz jirrizulta car illi l-vettura ta' l-attur kienet tinstab fuq it-tieni *lane* minnahha tax-xellug tat-triq. Labour Avenue, il-Marsa hija triq principali wiesgha hafna li fiha erbgha karreggjati kif jidher fuq l-iskizz, Dokument RF4.

Illi hemm qbil fil-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa fuq diversi punti:

1. L-attur kien qieghed isuq fit-tieni *lane* minnaHha tax-xellug, fil-waqt illi l-konvenut kiEn qieghed isuq fit-tielet *lane* min-naha tax-xellug, it-tnejn isuqu fl-istess direzzjoni.

2. L-incident sehh fil-parti tat-triq fejn hemm il-liwja.

3. Il-vettura tal-konvenut hadet daqqa fuq ir-rota ta' wara tan-naha tax-xellug, filwaqt illi l-hsarat fil-vettura ta' l-attur kienu fuq quddiem fin-naha tal-lemin.

4. Il-vlegeg fl-iskizz jindikaw id-direzzjoni fejn kienet qed tinsaq il-vettura tal-konvenut.

5. Ma' l-impatt il-vettura tal-konvenut daret fuqha nnifisha u spiccat fuq il-bankina mahbuta mal-hajt fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

6. Iz-zewg sewwieqa jaqblu ma' dak imnizzel fir-rapport tal-pulizija u fl-iskizz tal-habta.

L-uniku kontestazzjoni illi hemm hija fil-verzjoni tal-konvenut li jikkontendi illi huwa baqa' dejjem fil-*lane* tieghu u cioe' fit-tielet lane min-naha tax-xellug.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal, jirrileva li kieku z-zewg sewwieqa baghu Jsuqu fuq il-

karreggjata taghhom, certament l-incident ma kienx isehh. Illi ghaldaqstant bil-fors illi fil-mument ta’ l-impatt xi wiehed mis-sewwieqa nvada l-karreggjata tas-sewwieq l-iehor.

Illi ghandu jinghad illi mill-iskizz redatt mill-ufficjal tal-pulizija, d-dinamika ta’ l-incident hija facilment decifrabbli, tant illi kwazi l-ebda xhieda ma hija necssarja f’dan il-kaz, b’skizz bhal dan maghmul b’mod illi jindika perfettament dak illi sehh dak in-nhar ta’ l-incident, skizz maghmul abbazi ta’ dak illi nghad mis-sewwieqa lill-istess ufficjal tal-pulizija. Minn dan l-iskizz johorgu zewg fatturi determinanti u cioe’ illi fl-ewwel lok l-vettura ta’ l-attur tidher wieqfa fuq il-karreggjata fejn kienet qed tinsaq u cioe’ fit-tieni *lane* minnahha ta’ gewwa, u fit-tieni lok, il-vlegeg jindikaw it-trajjettorja li hadet il-vettura misjuqa mill-konvenut (kif del resto jammetti huwa stess).

Illi jirrizulta ghalhekk illi hekk kif wasal fil-liwja il-konvenut invada l-karreggjata tal-vettura misjuqa mill-attur, bil-konsegwenza illi sehh l-impatt u dana bir-rota ta’ wara tax-xellug tal-vettura tal-konvenut, tant illi huwa lanqas biss induna bil-vettura ta’ l-attur qabel ma sehh l-impatt, vettura li certament huwa seta’ jara gialdarba huwa kien gej minn warajha u ghadda ezatt minn hdejha!

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-konvenut ma kienx qieghed izomm l-attenzjoni rikjesta waqt is-sewqan tieghu, tant illi b’konsegwenza ta’ din in-negligenza da parti tieghu sehh l-incident. Regola kardinali ta’ *“lane discipline”* hija dik li fil-passagg minn *“lane”* ghall-iehor, is-sewwieq m’ghandux jikkaguna *“inconvenience or danger to the other vehicles”*. (App.Krim. *Pul vs Nazz. Frendo* – 29.09.1962)

Illi fir-rigward tal-quantum tad-danni, ghalkemm mit-tieni eccezzjoni tal-konvenut jidher illi huwa qieghed jissolleva kontestazzjoni rigward l-istess, madanakollu huwa ma ressaq l-ebda prova f’dana r-rigward u lanqas ikkontesta d-dokumenti esibiti mill-attur in sostenn ta’ l-ammont tad-danni minnu reklamati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-Marsa bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru EAU 235, u dik misjuqa minnu bin-numru LAA 109 u konsegwentement ighaddi biex filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm234.75c) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza kif ukoll ta’ l-ittra nterpellatorja tat-3 ta’ April 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Mejju 2002, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz a tenur ta’ l-Kapitolu 104

tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------